**9 ta' Novembru, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. *Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.* – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin), (Manch) D.P.A.(Lond)**

Lucien Stafrace *noe*

*versus*

*L-Aġent Reġistratur tal-Qrati et*

**Kawża Kostituzzjonali – Żmien Raġonevoli – Smigħ fi – Dritt Fundamentali għall- – Leġittimu Kontradittur – Reġistratur tal-Qorti – Ministru – Kummissarju tal-Pulizija – Liberazzjoni *ab observantia* – Separazzjoni tal-Poteri – Imħallef – Indipendenza tal-Ġudikatura**

*Ir-rikorrenti talbu rimedju quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili,*

*billi, fil-fehma tagħhom, proċeduri pendenti quddiem l-istess Qorti dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kienu damu żmien irraġonevoli. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tar-rikorrenti billi ddikjarat it-tul tal-proċedura msemmija bħala jikser l-artikoli rilevanti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja, imma ċaħdet it-talba ta' l-istess għal sodisfazzjon ġusta finanzjarja. Fuq appell sija tar-rikorrenti kemm ta' l-intimati, il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat u lliberat lill-intimati Reġistratur tal-Qorti, Ministru tal-Ġustizzja u Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-ġudizzju billi ma kinux il-leġittimi kontradittturi.*

*Ir-Reġistratur tal-Qrati ma kienx persuna idonea biex joqgħod f'ġudizzju tali billi bħala kap ta' dipartiment hu jirrappreżenta lill-Gvern fil-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-andament ordinarju ta' l-amministrazzjoni pubbliku inerenti għal dak id-dipartiment, u l-kwistjoni preżenti ma kinitx tidħol f'tali xorta ta' mansjonijiet.*

*Il-Ministru jirrappreżenta d-Dipartiment tiegħu, però l-kawża preżenti ma kinitx waħda li tirrigwarda l-funzjonijiet tal-Ministru tal-Ġustizzja jew ta' l-Intern. L-istess ħaġa wkoll tingħad għall-Kummissarju tal-Pulizija.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors tat-22 ta' Lulju 1988, ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih ir-rikorrenti Stafrace u Attard imsemmijin, fil-kwalità tagħhom indikata ppermettew:

1. Illi fil-11 ta' Ottubru 1978, Francis Zammit Dimech u Stefan Frendo, President u Segretarju rispettivament tal-Kunsill ta' l-Istudenti ta' dak iż-żmien, ippreżentaw rikors kostituzzjonali kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, quddiem din l-Onor. Qorti għar-rimedji kostituzzjonali għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti mill-artikolu 41 u 42 (illum) (Rik. 74/78 SBC);

2. Illi dawn il-proċeduri għar-rimedji kostituzzjonali huma meqjusa fihom infushom, ta' natura urġenti;

3. Illi l-provi kollha nstemgħu sal-bidu ta' l-1980, u saru Noti ta' l-Osservazzjonijiet estensivi;

4. Illi fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 1980, il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

5. Illi sallum, għalkemm saru diversi rikorsi biex is-sentenza tingħata, din il-kawża, "urġenti" għandha ma nqatgħatx allavolja għaddew tmien snin minn mindu ġiet differita l-ewwel darba għas-sentenza. Il-kawża llum reġgħet tinsab differita għall-1 ta' Diċembru, 1988;

6. Illi skond l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, kull każ "għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq raġonevoli;

7. Illi għaxar snin għal kawża urġenti, u tmien snin biex tingħata sentenza, jikkostitwixxi vjolazzjoni ċara tad-dritt protett mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropeja applikabbli għal Malta;

U talbu li dik il-Qorti tagħti lill-esponenti *nomine* dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa billi tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq id-disposizzjoni fuq imsemmija fosthom li tiddikjara li t-tul tal-proċeduri jikser l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni fuq imsemmija, billi tordna li s-sentenza li kellha tingħata tmien snin ilu tingħata minnufih, u li tagħti dik is-soddisfazzjoni ġusta finanzjarja li jidrhilha xierqa għal dan in-nuqqas;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Awissu 1988, li biha;

(1) Iddikjarat li t-tul tal-proċeduri fir-rikors Numru 74/1978 fuq indikat jikser l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja msemmija fis-sentenza;

(2) Irrakkomandat bil-qawwa possibbli li r-rikors imsemmi jiġi deċiż mill-aktar fis, jekk hemm bżonn wara li jiġi rikjamat għall-fini ta' kull trattazzjoni ulterjuri talvolta meħtieġa;

(3) Ċaħdet it-talba għas-"sodisfazzjoni ġusta finanzjarja", – in vista tal-kunsiderazzjonijiet premessi fil-paragrafu 18 tas-sentenza, l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-intimat Onorevoli Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja, u fl-aħħarnett ordnat lir-Reġistratur jikkomunika s-sentenza permezz ta' kopja lill-Onorevoli Imħallef ikkonċernat, u dan kollu wara li kkunsidrat illi:

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmija Lucien Stafrace u Stephen Attard *nomine* ppreżentat fit-22 ta' Awissu 1988 li bih għar-raġunijiet hemm esposti talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(1) Tikkonfermaha fejn iddikjarat li t-tul tal-proċeduri jikser il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja u fejn akkollat l-ispejjeż kollha lill-intimati;

(2) Tirrevokaha fejn ċaħdet it-talba għas-sodisfazzjon ġusta finanzjarja, billi takkoljiha u

(3) Tirriformaha billi taghti rimedju legali effettiv lir-rikorrenti;

(a) għad-dewmien fis-*smigħ tal*-kawża, li huma ġà sofrew fil-*passat sal-lum u*

(b) biex tassikura li s-sentenza f'dik il-kawża tingħata minnufih, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

Rat ir-risposta ta' l-intimati appellati għall-imsemmi rikors ta' l-appell tar-rikorrenti Lucien Stafrace u Stephen Attard *nomine* ppreżentat fil-25 ta' Awissu 1988, li biha għar-raġunijiet hemm esposti talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok wara li tiddikjara l-intimati appellanti humiex il-kontradittturi leġittimi tillibera lill-istess mill-osservanz tal-ġudizzju bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati, salv dejjem ir-rakkomandazzjoni għal min tispetta biex ir-rikors jiġi deċiż mill-aktar fis;

Rat ir-risposta ta' l-appell tar-rikorrenti ppreżentata fit-30 ta' Awissu 1988;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Fil-każ preżenti, kif jidher minn dak li għadu kemm ingħad hawn fuq, qegħdin isiru żewġ appelli mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Ir-rikorrenti *nomine* fl-appell tagħhom qegħdin jitolbu,

għar-raġunijiet minnhom dettaljatament elenkati fir-rikors ta' l-appell kif ukoll fit-trattazzjoni orali ta' l-abili difensur tagħhom, li l-Qorti takkolji t-talba tagħhomm għas-sodisfazzjon ġusta finanzjarja u tagħti rimedju legali effettiv għad-dewmien fis-smigħ tal-kawża l-oħra li ġà sofrew u billi tassikura li s-smigħ fl-imsemmija kawża l-oħra jingħata minnufih. Min-naħa tagħhom, l-intimati qegħdin jitolbu, għar-raġunijiet dettaljati esposti fir-rikors ta' l-appell tagħhom kif ukoll fis-sottomissjonijiet orali ta' l-għaref difensur tagħhom, illi l-Qorti tiddikjara li huma m'humiex il-kontradítturi leġittimi f'din il-kawża u kwindi tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju. Huwa ovvju għalhekk li l-ewwel kwistjoni li għandha teżamina l-Qorti hija jekk verament l-intimati humiex kontradítturi leġittimi billi jekk ma humiex, il-Qorti tkun prekluża milli tidħol fi kwalunkwe kwistjoni oħra;

Ikkunsidrat:

Għandu jingħad mill-ewwel li billi l-intimati huma tlieta, il-Qorti beħsiebha teżamina l-imsemmija kwistjoni fil-konfront ta' kull intimat separatament;

Kwantu għall-intimat Aġent Reġistratur tal-Qrati, il-Qorti tosserva li l-liġi stess fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), meta tiġi biex tikkunsidra l-funzjonijiet, is-setgħat u d-dmirijiet tar-Reġistratur fl-Ewwel Ktieb Titolu IV intitolat "Fuq ir-Reġistratur", fl-artikolu 57(1) espressament tiddisponi li "ir-reġistratur ikollu l-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet mogħtija lilu bid-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi u jkollu taħt it-treġija u r-responsabbilità tiegħu r-reġistru u l-uffiċjali ta' l-istess reġistru", u fl-artikolu 57(2) tkompli tiddisponi li "ir-reġistratur għandu jieħu l-ordnijiet mingħand l-awtorità

ġudizzjarja'' u mbagħad tgħaddi biex tispeċifika kif għandu jieħu dawn l-ordnijiet. Ma hemm xejn fl-imsemmi Kodiċi, li minnu jitwieldu, kif fuq ingħad, b'liġi espressa l-funzjonijiet, is-setgħat u d-dmirijiet tiegħu, li jawtorizzah li joqgħod f'kawża bħal dik preżenti intiża biex tagħti rimedju kontra d-dewmien ta' imħallef u/jew imħallfin li jagħtu sentenza. Ċertament m'huwiex f'posizzjoni, għaliex mgħandux is-setgħa, li jassikura li mħallef jagħti *sentenza fi żmien xieraq*;

Mhux hekk biss imma kif ġie ritenut fil-kawża George Vigo *vs* Nutar Dottor Vincent Gatt *noe,* 30 ta' Jannar 1958, Prim'Awla Qorti Ċivili, Onor. Imħ. Joseph Caruana Colombo (Kollez. Dec. Vol. XLIIII.886): ''il-Kap ta' Dipartiment (u l-Aġent Reġistratur huwa kap ta' dipartiment) hu persuna leġittima biex jirrappreżenta lill-Gvern fil-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-*andament ordinarju ta' l-amministrazzjoni* pubbliku inerenti għall-uffiċċju jew dipartiment li jiġi lilu affidat mill-Gvern biex imexxih, u mhux għal ħaġ'oħra''. Il-kwistjoni preżenti ċertament ma tidħolx fl-andament ordinarju ta' l-amministrazzjoni pubblika inerenti għad-dipartiment li ġie affidat lir-Reġistratur;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-intimat l-Onorevoli Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja għandu jiġi osservat li skond il-ġurisprudenza tagħna bbażata fuq id-dottrina Ingliża kull wieħed mill-Ministri tal-Gvern huwa kostitwit bħala organu awtonomu biex jiddiriġi d-dipartiment jew dipartimenti li għalihom ikun prepost kif ukoll biex jirrappreżenta l-Istat relevanti għall-funzjonijiet proprji ta' dak id-dipartiment jew ta' dawk id-dipartimenti; u għalhekk kull wieħed *mill-Ministri* huwa *l-kap* amministratur *tad-Dipartimenti*

li jidħlu fil-ministeru tiegħu; u quddiem il-Parlament u l-pubbliku huwa għandu r-responsabbilità kollha li tinteressa lill-Gvern fl-esplikament tal-funzjonijiet relattivi għal dawk id-dikasteri. Jidher li dan il-prinċipju ġie l-ewwel darba stabbilit fil-kawża Onorevoli Avvocato Enrico Mizzi *nomine vs* Onorevole Professore Sir Augusto Bartolo deċiż minn din il-Qorti (Aġent President Dr. F. Buhagiar, Imħallfin Dr. R.F. Ganado u Prof. E. Ganado – Kollez. Dec. Vol. XXVIII.I.463) fit-30 ta' Ġunju 1933 u ġiet segwita fil-kawża Padre Angelico Azzopardi O.F.M. *noe vs* Onor. Nutar Dottor Giorgio Borg Olivier *et noe*, deċiża mill-Prim'Awla Qorti Ċivili fis-6 ta' Ġunju 1957 (Onor. Imħ. Dr. Alberto Magri – Kollez. Dec. Vol. XLI.I.1030). Hekk ukoll fil-kawża Michele Peresso *proprio et nomine vs* Onor. Dominic Mintoff A.&C.E. *noe et''* deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' Ġunju 1957 (President Sir Luigi Camilleri, Imħallfin Montanaro u William Harding; Kollez. Dec. Vol. XLI.I.385), ġie ribadit il-prinċipju li l-Ministri huma kompriżi fil-kategorija ta' pubbliċi amministraturi, u bħala tali għandhom jiġu ritenuti persuni leġittimi biex joqogħdu f'kawża li tinteressa dipartiment li jaqa' taħt il-ministeru tagħhom;

Issa fil-każ preżenti ċertament ma jistax jingħad li l-kawża tirrigwarda *dipartiment li jaqa' taħt il-ministeru ta' l-intimat* l-Onorevoli Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja. Il-kawża tirrigwarda n-nuqqas ta' imħallef u/jew imħallfin li jagħtu sentenza fi żmien xieraq skond ma trid il-Kostituzzjoni fl-artikolu 39 u skond ma trid il-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, liema kwistjoni ma taqax fil-funzjonijiet tad-dipartimenti li jidħlu fil-ministeru tiegħu;

*Hemm ukoll konsiderazzjoni oħra importantissima ta'* natura kostituzzjonali li twassal lill-Qorti biex tirritjeni li l-intimat

Onorevoli Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja m'huwiex leġittimu kontradittur f'din il-kawża. L-uffiċċju ta' Ministru huwa kkontemplat fil-Kapitolu VII tal-Kostituzzjoni ntitolat "L-Esekuttiv", jiġifieri l-Ministru jappartjeni u jifforma parti ta' l-awtorità esekuttiva ta' l-Istat. Min-naħa l-oħra l-uffiċċju ta' imħallef huwa kkontemplat fil-Kapitolu VIII tal-Kostituzzjoni ntitolat "Il-Ġudizzjarju" u jifforma parti mill-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat. Issegwi waħedha l-mistoqsija: Kif jista' Ministru, li jappartjeni lill-awtorità esekuttiva ta' l-Istat, ikun leġittimu kontradittur f'kawża intiża, *inter alia,* kif jidher mir-rikors promotorju tal-ġudizzju, biex il-Qorti tagħtih ordni li s-sentenza fil-kawża l-oħra tingħata minnufih, liema ordni, biex jiġi esegwit, mill-istess Onorabbli Ministru, ikun jimporta indħil fil-funzjonijiet tal-persuna li tifforma parti minn awtorità oħra, ċjoè l-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat? Kieku kellu jkun leġittimu kontradittur f'din il-kawża l-intimat l-Onorevoli Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, kif iridu r-rikorrenti *nomine,* dan ikun jista' jwassal għall-vjolazzjoni tal-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri ta' l-Istat u ta' l-indipendenza tal-ġudikatura sanċiti mill-istess Kostituzzjoni. Għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti hi tal-fehma li għandu raġun l-intimat Onorevoli Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja meta jissottometti li hu mhux leġittimu kontradittur f'din il-kawża;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-intimat Kummissarju tal-Pulizija, dan hu intimat ukoll fil-kawża l-oħra u ġie mħarrek fil-kawża preżenti "jekk jidhirlu li għandu interess" appuntu għax kien l-intimat fil-kawża l-oħra. Issegwi hawnhekk ukoll il-mistoqsija: kif jista' jkun il-kontradittur leġittimu f'kawża intiża *inter alia* biex il-Qorti tagħti ordni lill-Imħallef fil-kawża l-oħra biex is-sentenza

fiha tingħata minnufih meta hu stess parti f'dik il-kawża l-oħra u għalhekk presumibilment għandu interess li tinqata' malajr? Minbarra hekk, għall-istess raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq firrigward tar-Reġistratur tal-Qorti, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija, li huwa wkoll Kap ta' Dipartiment u għandu l-funzjonijiet tiegħu stabbiliti mil-liġi, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala leġittimu kontradittur f'din il-kawża;

Ikkunsidrat:

In vista tal-konklużjoni fuq raġġunta mill-Qorti li twassal għal-liberazzjoni *ab observantia* ta' l-intimati, il-Qorti jkollha tieqaf hawn u ma tistax tidħol fil-kwistjonijiet l-oħra ssollevati u jsegwi wkoll li ma jistax jiġi sostnut l-appell tar-rikorrenti *nomine* kontra l-istess intimati;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi miż-żewġ appelli billi:

(1) Tilqa' l-appell ta' l-intimati, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li l-istess intimati m'humiex il-kontradittturi leġittimi f'din il-kawża u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju; u billi

(2) Tiċħad l-appell tar-rikorrent *nomine*. In vista taċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ l-ispejjeż, sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza (sija dawk relattivi għall-appell ta' l-intimati) għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.